# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017**

**Numru 5**

**Rikors numru 328/17**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark sive Mark Zammit**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat fl-24 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu l-konvenut qed jitlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2017 fejn jikkoncerna l-access tal-minuri favur l-attrici. It-talba tal-konvenut hija bazata fuq l-allegazzjoni ta' swat da parti tal-attrici fuq it-tfal waqt il-hin tal-access. Mal-istess rikors gew prezentati ritratti li juru grif u tbengil allegatament maghmula fuq it-tfal mill-attrici.

Fir-risposta taghha prezentata fis-27 ta' Lulju 2017 l-attrici cahdet kategorikament li hi kienet sawtet lit-tfal meta dawn kienu ghandha waqt l-access u ssostni li t-tfal huma mghawwijin kontra taghha.

Din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda tal-partijiet, it-trattazzjoni orali maghmula mid-difensuri rispettivi taghhom u wara li semghet lit-tfal kameralment hi tal-fehma taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Li, mhuwiex fl-interess tal-minuri Gareth li dan imur ghand l-attrici ghall-access u ghalhekk, huwa fl-interess tieghu li l-access tieghu jigi temporanjament sospiz.

2. Mill-banda l-ohra, fir-rigward tat-tifla Greta, din il-Qorti hi tal-fehma li l-access ghandu jibqa' jigi ezercitat bil-modalita` stabbilita bid-digriet fuq indikat, jigifieri dak moghti fit-3 ta' Lulju 2017. L-access matul il-weekend li jmiss jibda nhar ta' Sibt mis-7.00 pm sal-Hadd 2.00 pm u jkompli b'mod alternattiv kif stabbilit fl-istess digriet.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba tal-konvenut limitatament billi provvizorjament tissospendi l-access tal-omm ghat-tifel, filwaqt li l-access ghat-tifla jibqa' kif fuq indikat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld